# Kif Bdiet u Mxiet l-Akkademja tal-Malti

**Tagħrif miġbur minn G. ZARB ADAMI**

*Biex tista' taqdi* aħjar id-dmir qaddis li l-Għaqda kienet ħadet fuq spallejha, jiġifieri li tħares l-Ilsien Malti u l-Letteratura Maltija, sabiex aħna l-Maltin inkunu nistgħu nifhmu aħjar u ngħożżu aktar il-kelma t'Alla u nsiru wkoll aktar ħielsa fil-ħsieb u fil-karattru tagħna ta' ċittadini, u mhux bħalma fl-imgħoddi, meta, għalkemm għarafna dejjem inġibu ruħna ta' qalbiena fil-ġrajja mdemma ta' artna, jaħasra bqajna dejjem maħkuma mill-barrani li għaraf jinqeda bina biż-żegħil ta' xi titoli nobiljari, l-għoti ta' xi artijiet tagħna stess jew xi dekorazzjoni lill-ewlenin fostna, meta mhux bl-id tal-ħadid; iva, biex tilħaq aħjar dan id-dmir, l-Għaqda ħasset il-ħtieġa li jkollha Darha, jiġifieri kamra jew tnejn fejn jistgħu jsiru l-laqgħat u jkunu mistħarġa l-qagħdiet li jinqalgħu minn żmien għal ieħor.

B'dan il-għan, is-Segretarju kien imqabbad jikteb lill- Gvern Malti biex jipprovdi l-użu ta' kamra f'Palazzo de la Salle, il-Belt, fejn kien hemm l-uffiċċju tas-Soċietà Arti, Manufattura e Commercio, u billi kemm-il darba l-Kumitat tagħna kien ġentilment silef kamra jew sala lill-Għaqda. Hekk għamel is-Sur Franġisk Saverju Caruana f'ittra li bagħat fis-7 ta' Mejju, 1924, lill-Kap tal-Ministeru, l-Onor. Dr. F. Buhagiar, LL.D. It-tweġiba li ffirmaha t-Teżorier tal-Gvern, f'isem il-Ministru tat-Teżor, kienet negattiva għaliex intqal li ma kienx hemm kamra (waħda!) disponibbli, minkejja x-xewqa tal-Gvern li jilqa' dik it-talba.

L-Għaqda baqgħet bla Dar, tiġġerra 'l hawn u 'l hemm sakemm l-aħwa Muscat Azzopardi, ulied l-ewwel President, il-Kav. Ġuże' Muscat Azzopardi, wara tmiem il-gwerra, ipprovdew somma ta' flus għal xi żmien, u xi wħud minna għamlu kontribuzzjoni speċjali biex jitħallas il-kera ta' terran fi Strada Scozzese, il-Belt. Il-lum l-Akkademja tikri żewġ kmamar żgħar u mudlama, bil-paviment imkisser, f'Palazzo Carafa u tħallas għalihom £30 fis-sena, sewwa sew is-somma li minn xi snin 'l hawn jivvotalha l-Gvern, somma li baqgħet qatt ma żdiedet minkejja kemm-il talba biex tiżdied, u l-għoli ta' kollox. Imma hawn ta'' min iżid li sa fl-aħħar dis-sena (1972) saret £300 dik is-somma ta' £100 li wkoll minn xi żmien il-Gvern kien jivvota ta' kull sena biex jissussidja kotba maltin, u li titqassam mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura fuq il-parir ta' Kumitat imwaqqaf għaltapposta, u li fuqu l-Akkademja għandha żewġ Rappreżentanti; għall-inqas, did-darba l-Gvern ma għalaqx widnejh għat-talba li kienet ilha ssir bosta snin.

Kif ġa wrejt, meta tkellimt fuq l-Istatut tal-1928, l-Għaqda tal-Kittieba kienet magħmula f'Xirka waħda ma' l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti. Għalhekk, kultant insibu korrispondenza f'isem l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, u drabi oħra f'isem l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti, meta mhux f'isimhom it-tnejn flimkien; imma dan ta' l-ismijiet hu ħaġa ta' mportanza żgħira, u nittama li fli ġej jirnexxili nħoll din il-kobba daqsxejn imħabbla.

Imma ta' wisq akbar importanza hu li fl-1929, sewwa sew fil-5 ta' Diċembru, is-Segretarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kiteb lill-Onorevoli Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika, f'isem l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti fejn qallu li billi "bis-saħħa ta' xi dispożizzjonijiet mgħoddija mill-Gvern tal-lum (sic) l-Ilsien Malti qed jieħu xejra sabiħa, u billi jkun meħtieġ illi l-liġijiet tal-pajjiż jinġiebu fl-Ilsien Malti" u għal raġunijiet oħra, l-aktar ta' tagħlim, il-Membri tal-Kumitat (tiegħu) fil-laqgħa li saret fl-24 ta' Novembru, 1929, qatgħu li jitolbu lill-Gvern biex "idaħħal l-Alfabet tal-Għaqda, għallinqas f'dawk id-dokumenti li għandhom karattru permanenti".

U issa beda l-inkwiet — inkwiet wisq akbar minn qatt qabel, għaliex minn naħa l-waħda l-propaganda faxxista u xi rjus sħan maltin raw f'din it-talba theddida għall-idejal tagħhom ta' koltura taljana, u li b'hekk il-Maltin ma kienux ser jibqgħu jkunu meqjusa "nostri fratelli d'oltremare" billi l-Italja Faxxista, b'mod speċjali, kienet tqis lil Malta "terra irridenta"; minn naħa l-oħra din it-talba l-anqas ma għoġbot lil dawk — l-aktar xi mpjegati għolja taċ-Ċivil — li kienu favur l-Ingliż f'kollox għalkemm l-Ingliżi biex iżommu r-riedni b'idejhom baqgħu dejjem mifruda minna — u meta tħalltu magħna, il-Maltin, imsejkna li huma, ixximjottawhom.

Iva, minkejja li l-Għaqda qatt ma ttebbgħet bit-tajn tal-pulitka, issa bdiet tara ma' wiċċha żmien ta' twegħir, ta' tgħajjir u ta' theddid.

Tant dan hu minnu u jidher ċar, u tant kien hemm biża' ta' vittimizzazzjoni li fl-14 u fil-15 ta' Novembru, 1929, żewġ impjegati tal-Gvern li kienu Membri tal-Kumitat u attivi ħafna "ma ħassewx ruħhom liberi li jattendu (għal-laqgħa tal-Kumitat li għadni kif semmejt) ħtija li kellhom *isiru xi mistoqsijiet* lill-Gvern għalbiex jaddotta l-Alfabet tal-Għaqda".

Kif ġa għedt, fuq din il-kustjoni nxteħet dell politiku ikreh; infatti fil-21 ta' Settembru, 1930, wieħed ieħor prominenti fil-Kumitat tal-Għaqda kiteb li ma kienx ser jieħu sehem fil-laqgħa tal-Kumitat "għaliex il-kustjoni tal-lingwa ħadet xejra politika", u hu kien impjegat tal-Gvern.

Ma għandniex xi ngħidu, il-kustjoni baqgħet ma nqatgħetx favur il-Għaqda, anzi ħadet xejra għall-agħar u baqgħet hekk sa l-1934

meta Malta, imħabba ħafna intrigi, reġgħet waqgħet taħt il-Ministeru Ingliż tal-Kolonji u l-Ministru qata' li jaddotta l-Alfabet tal-Għaqda fl-ortografija uffiċjali ta' l-Ilsien Malti.

Nerġgħu ftit lura. Fis-6 ta' Settembru, 1932, ftit xhur wara li kien tala' fil-ħakma l-gvern il-ġdid, immexxi minn Sir Ugo Mifsud, id-Direttur ta' l-Iskejjel Elementari, Dr. Albert V. Laferla, ħareġ ċirkolari lill-iskejjel b'ordni tal-Ministru tal-Istruzzjoni Pubbliku, dak iż-żmien Dr. Enrico Mizzi, LL.D. li fiha ta direttiva biex il-Malti jinkiteb kif jinħass fil-widna, sabiex igħin għat-tagħlim tat-Taljan. Dik kienet il-politika tal-Gvern, u Alla jaħfer lil dak l-iskrivan segretarju tal-Ministru li serva ta' strument biex toħroġ dik id-direttiva: anzi ninsab żgur li dan ikkonverta u issa jaħsibha mod ieħor għal kollox.

Fl-1 ta' Ottubru, jiġifieri malli saret taf b'dan, l-Għaqda pprotestat kontra dik id-direttiva u l-ittra ta' protesta fil-5 ta' Ottubru ngħatat mill-istess President tal-Għaqda f'idejn il-Ministru tat-Teżor biex jgħaddiha lill-Kap tal-Ministeru.

Ftit ġranet wara, jiġifieri fl-24 ta' Ottubru, il-Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika talab lill-Għaqda tagħtih l-ismijiet ta' dawk li kienu ħadu sehem fil-laqgħa ta' protesta jew l-atturi ta' l-ittra msemmija. Kif wieħed jistenna, l-Għaqda rrifjutat li tagħti l-ismijiet u tenniet li dik kienet kustjoni ta' ortografija u prinċipji lingwistiċi u mhux ta' ismijiet ta' nies — dawk li **"Cato"** għoġbu fit-2 ta' Lulju, 1949, isejjaħ "the obscurantist savants of the Ghakda (sic)". Imnalla li "Malti" għaraf iwieġbu kif kien jixraqlu u ħaqqu fis-16 ta' l-istess xahar u fl-istess gazzetta — **The Bulletin**.

Bħall-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti pprotestat ukoll l-Għaqda tal-Malti (Univ.) u magħha semma' leħnu fi protesta qawwija il-Professur P.P. Saydon fl-ittra tiegħu tad-19 ta' Settembru, 1932; ma' din il-protesta ngħaqqdu wkoll dik tal-Ġiżwita Edmund Sutcliffe, l-awtur ta' "A Grammar of the Maltese Language".

Nistgħu napprezzaw kemm kienu mwiegħra dawk iż-żmienijiet għall-Ilsien Malti u Għall-Għaqda meta niftakru li fl-1928 Ġanni Vassallo ħareġ "Ortografija Maltese" u fl-1931 "It-Tieni Muftieħ tal-Kitba Maltija" — it-tnejn mhux unformi ma' l-alfabet tal-Għaqda; u fl-1929, Ninu Cremona ippublika "A Manual of Maltese Orthography and Grammar" li fih ma nqediex bl-alfabet tal-Għaqda.

Dawn it-tliet kotba kienu jimxu fuq prinċipji grammatikali soda u tbiegħdu biss fil-kustjoni tal-alfabet għaliex, kif wieġeb l-istess Vassallo għall-mistoqsija pubblika li kien għamillu l-Professur Saydon, "It-Tieni Muftieħ inkiteb għall-iskulari tal-Malti fil-Liċeo li qegħdin jitgħallmu jiktbu l-Malti bl-alfabet li ħatar il-Gvern u mhux bl-alfabet tal-Għaqda". L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-"Manual

of Maltese Orthography and Grammar" li permezz tiegħu Cremona ried "jilħaq il-ħtieġa tal-mument, l-iżjed ta' l-uffiċjali tal-Gvern u l-membri tal-Pulizija".

Inħallu għall-qarrejja l-kummenti meta huma jġibu quddiem għajnejhom li Dr Laferla kien Viċi-President u wara President Onorarju tal-Għaqda, u li kien hu li talab lil Dun Karm jikteb il-kliem ta' l-Innu Malti għall-mużika li kien ġa ikkompona l-Professur Sammut: u li Cremona u Vassallo, biex ngħid hekk, kienu l-awturi tat-**Tagħrif**.

Issa jeħtieġ li mmorru ftit lura fiż-żmien u niftakru fit-tilwima li l-Partiti tal-**Compact**, jiġifieri l-partit ta' Lord Strickland u dak tal-Labour, imma l-aktar ta' Strickland, kellhom ma' l-Awtoritajiet tal-Knisja f'Malta.

Lill-Gvern Ingliż xejn ma kienet togħġbu dik il-qagħda u għalhekk waqqaf **Royal Commission** biex tisħarreġ x'kien inqala' u tagħti l-parir tagħha; l-istess ħaġa, bejn wieħed u ieħor, għamel il-Vatikan. Ir-Royal Commission bdiet taħdem fl-1931 u ppreżentat ir-Rapport tagħha fl-1932; hi semgħet ix-xhieda ta' bosta nies minn kull strat tas-soċjeta' maltija billi l-kustjoni ta' Malta kienet tħabblet ħafna, u mhux fuq il-kustjoni tal-lingwa biss, għalkemm din ħadet ċerta mportanza. Wieħed minn dawk li telgħu jixhdu kien Sir Temi Zammit — bniedem li dejjem ħabb lill-Għaqda u li kien magħruf fid-dinja tal-għerf mhux biss bħala Tabib, Rettur ta' l-Universita, Direttur tal-Mużew, li biex ngħid hekk ħalaq mix-xejn, imma bħala arkijoloġu ta' kapaċita' kbira li wassal isem Malta sat-trufijiet tad-dinja kif wkoll bħala kittieb mill-aħjar bil-Malti. Bla ebda dubju Sir Temi, fost affarijiet oħra, fix-xhieda tiegħu tkellem ħafna favur il-Malti u l-alfabet tal-Għaqda, u dan żgur impressjona ħafna lill-Membri tal-Kummissjoni, tant li saru xi kundizzjonijiet fuq il-kustjoni tal-lingwa u l-użu ta' l-Ilsien Malti qabel ma saret l-elezzjoni tal-1932, iżda kif ġa rajna dawk il-kundizzjonijiet ma seħħux u l-Għaqdiet tal-Malti pprotestaw.

Imma mhux il-widnejn ta' kulħadd kienu torox jew ma ridux jisimgħu, u fl-aħħar iż-żejt tala' f'wiċċ l-ilma. Fl-1934, taħt il-Gvern Kolonjali, bdiet qajla, qajla, ir-rebħa ta' l-Ilsien Malti u ta' l-Għaqda, għaliex il-Ministru Kolonjali qata' li jagħraf is-sistema tal-Għaqda u li fuqu jinkitbu d-dokumenti tal-Gvern bil-Malti dawk tal-Qrati u ta' l-Atti notarili. Iżda, kif jafu tajjeb dawk il-ftit li ppruvaw jaqdu d-dmir sagrosant li jgħallmu lsienna, iż-żeblih ma naqasx — qagħda li baqgħet isseħħ sa lejlet it-Tieni Gwerra Dinjija, kif juri ċar is-sunett ta' Dun Karm "Lill-Ħabib Tiegħi Pi... Di".

**(Jissokta)**